



Dokument ta' sessjoni

A8-0458/2018

11.12.2018

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Awstrija, il-Lussemburgu u r-Rumanija biex jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Belarusija u l-Uzbekistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri (COM(2018)0530 – C8-0378/2018 – 2018/0279(NLE))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Mary Honeyball

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	6
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	8
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	9

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Awstrija, il-Lussemburgu u r-Rumanija biex jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Belarussja u l-Użbekistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri (COM(2018)0530 – C8-0378/2018 – 2018/0279(NLE))

(Konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2018)0530),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 38(4) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 81(3) kif ukoll l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt b), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli għe kkonsultat mill-Kunsill (C8-0378/2018),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja¹ dwar il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni Ewropea għal dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni ta' adeżjoni mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 78c u 108(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0458/2018),
1. Japprova l-awtorizzazzjoni lill-Awstrija, il-Lussemburgu u r-Rumanija biex jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Belarussja u l-Użbekistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, kif ukoll lill-Bureau Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.

¹ Opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Ottubru 2014, 1/13, ECLI:EU:C:2014:2303.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri hija strument ta' importanza fundamentali. Il-Konvenzjoni ġiet ratifikata mill-Istati Membri kollha tal-UE.

Il-Konvenzjoni introduċiet sistema ta' kooperazzjoni bejn l-istati kontraenti bil-għan li jsolvu każijiet ta' ħtif internazzjonali ta' minuri.

Ħafna drabi, dawn il-problemi jinħolqu meta koppja tissepara. Meta l-omm u l-missier ikunu minn stati differenti, ikun hemm it-tentazzjoni li jiġi sfruttat in-nuqqas ta' kooperazzjoni bejn dawk l-istati sabiex tittieħed il-kustodja tal-minuri. L-istampa hija miżgħuda b'rapporti ta' każijiet ta' ħtif internazzjonali ta' minuri wara separazzjoni jew divorzju.

Il-problema prinċipali f'każijiet bħal dawn hija t-tendenza tas-sistemi ġudizzjarji tal-istati individwali li jiffavorixxu liċ-ċittadini ta' pajjiżhom. F'dawn il-każijiet, spiss jiġri li l-qrati taż-żewġ stati kkonċernati jiddikjaraw lilhom infushom kompetenti u li kull qorti tagħti l-kustodja tal-minuri lill-ġenitur li jkun ċittadin tal-istat fejn tinsab il-qorti.

L-iskop tal-Konvenzjoni huwa li dawn is-sitwazzjonijiet jiġu riżolti fil-livell internazzjonali, billi jiġi stabbilit li l-qrati kompetenti u l-lijijiet applikabbli huma dawk tal-istat ta' residenza tal-minuri. Il-Konvenzjoni tintroduċi wkoll sistema li tiżgura r-ritorn immedjat tal-minuri li jkunu ġew maħtufa.

L-UE issa għandha kompetenza esterna esklużiva f'dan il-qasam, kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-Opinjoni 1/13. L-Istati Membri għalhekk ma jaġixxux aktar għal rashom. Il-problema hija li l-Konvenzjoni ma tipprevedix l-azzjoni awtonoma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali.

Il-Belarussja ddepożitat l-istrument tal-adeżjoni mal-Konvenzjoni tal-1980 fit-12 ta' Jannar 1998. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fil-Belarussja fl-1 ta' April 1998.

Il-Konvenzjoni tal-1980 bejn il-Belarussja u 24 Stat Membru tal-UE diġà daħlet fis-seħħ. Huma biss l-Awstrija, id-Danimarka, il-Lussemburgu u r-Rumanija li għadhom ma aċċettawx l-adeżjoni tal-Belarussja mal-Konvenzjoni.

L-Uzbekistan iddepożita l-istrument tal-adeżjoni mal-Konvenzjoni tal-1980 fil-31 ta' Mejju 1999. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-Uzbekistan fl-1 ta' Awissu 1999.

Il-Konvenzjoni tal-1980 bejn l-Uzbekistan u 24 Stat Membru tal-UE diġà daħlet fis-seħħ. Huma biss l-Awstrija, id-Danimarka, il-Lussemburgu u r-Rumanija li għadhom ma aċċettawx l-adeżjoni tal-Uzbekistan mal-Konvenzjoni.

Minħabba li l-kwistjoni tal-ħtif internazzjonali tal-minuri taqa' taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni Ewropea, id-deċizzjoni dwar jekk tiġix aċċettata l-adeżjoni tal-Belarussja u l-Uzbekistan għandha tittieħed fil-livell tal-UE permezz ta' Deċizzjoni tal-Kunsill. B'hekk l-Awstrija, il-Lussemburgu u r-Rumanija għandhom jaġhmlu d-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni fir-rigward tal-adeżjoni tal-Belarussja u l-Uzbekistan fl-interess tal-Unjoni Ewropea.

L-aċċettazzjoni tal-Awstrija, il-Lussemburgu u r-Rumanija tagħmel lill-Konvenzjoni tal-1980

applikabbli bejn il-Belarussja u l-Uzbekistan u l-Istati Membri kollha tal-UE minbarra d-Danimarka.

L-adezzjoni tal-Belarussja u l-Uzbekistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ftif Internazzjonali ta' Minuri għandha tintlaqa'. Ir-rapporteur għaldaqstant jipproponi lill-Parlament japprova l-proposta mingħajr emendi, sabiex jiżgura li l-ħarsien mogħti lill-minuri kkonċernati jiġi estiż għat-territorju kollu tal-UE.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Awstrija, il-Lussemburgu u r-Rumanija biex jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-ađeżjoni tal-Belarussja u l-Uzbekistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri
Referenzi	COM(2018)0530 – C8-0378/2018 – 2018/0279(NLE)
Data tal-konsultazzjoni / talba għal approvazzjoni	20.7.2018
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 10.9.2018
Rapporteurs Data tal-ħatra	Mary Honeyball 24.9.2018
Discussed in committee	20.11.2018
Data tal-adozzjoni	6.12.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 21 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Joëlle Bergeron, Jean-Marie Cavada, Mady Delvaux, Rosa Estaràs Ferragut, Mary Honeyball, Julia Reda, Evelyn Regner, Pavel Svoboda, József Szájer, Axel Voss
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Geoffroy Didier, Pascal Durand, Angel Dzhambazki, Ana Miranda, Jens Rohde, Virginie Rozière, Tiemo Wölken
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Lucy Anderson, Georges Bach, Kostadinka Kuneva, Jeroen Lenaers, Philippe Loiseau
Data tat-tressiq	11.12.2018

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

21	+
ALDE	Jean-Marie Cavada, Jens Rohde
ECR	Angel Dzhambazki
EFDD	Joëlle Bergeron
ENF	Philippe Loiseau
GUE/NGL	Kostadinka Kuneva
PPE	Georges Bach, Geoffroy Didier, Rosa Estaràs Ferragut, Jeroen Lenaers, József Szájer, Axel Voss
S&D	Lucy Anderson, Mady Delvaux, Mary Honeyball, Evelyn Regner, Virginie Rozière, Tiemo Wölken
VERTS/ALE	Pascal Durand, Ana Miranda, Julia Reda

0	-

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni